SENTENZA TAL-QORTI TAL-PRIM'ISTANZA (It-Tmien Awla)

6 ta' Mejju 2009 *

Fil-Kawża T-116/04,

**Wieland-Werke AG,** stabbilita f'Ulm (il-Ġermanja), irrappreżentata minn R. Bechtold u U. Soltész, avukati,

rikorrenti,

vs

**Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej,** inizjalment irrappreżentata minn É. Gippini Fournier u H. Gading, sussegwentement minn Gippini Fournier, O. Weber u K. Mojzesowicz, bħala aġenti,

konvenuta,

li għandha bħala suġġett talba għall-annullament jew għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti skont l-Artikolu 2(a) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

C (2003) 4820 finali, tas-16 ta' Diċembru 2003, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/E-1/38.240 — Tubi industrijali),

IL-QORTI TAL-PRIM'ISTANZA
TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ (It-Tmien Awla),

komposta minn E. Martins Ribeiro, President tal-Awla, S. Papasavvas u N. Wahl (Relatur), Imħallfin,

Reġistratur: C. Kantza, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-5 ta' Marzu 2008,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

**Il-fatti li wasslu għall-kawża**

1 Wieland-Werke AG (iktar 'il quddiem "Wieland" jew ir-"rikorrenti") hija impriża Ġermaniża mhux ikkwotata fil-Borża li għandha l-uffiċċju reġistrat tagħha f'Ulm (il-Ġermanja). Ir-rikorrenti hija l-kumpannija parent ta' grupp preżenti fid-dinja kollha u prinċipalment attiva fil-produzzjoni, fil-bejgħ u fid-distribuzzjoni ta' prodotti semi-manifatturati u ta' prodotti speċjali tar-ram u ta' liegi tar-ram.

2 Wara l-komunikazzjoni ta' informazzjoni minn Meuller Industries Inc., il-Kummissjoni għamlet investigazzjonijiet mhux mistennija, f'Marzu 2001, fil-bini tal-kumpanniji KME Germany AG (li kienet KM Europa Metal AG), KME France SAS (li kienet Tréfimétaux SA), KME Italy SpA (li kienet Europa Metalli SpA) (iktar 'il quddiem, flimkien, "KME" jew il-"grupp KME"), Outokumpu Oyj u Luvata Oy (li kienet Outokumpu Copper Products Oy) (iktar 'il quddiem, flimkien "Outokumpu") u tar-rikorrenti, skont l-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 17 tas-6 ta' Frar 1962, l-ewwel Regolament li jimplementa l-Artikoli [81] u [82] tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol 1, p. 3-10).

3 Fid-9 ta' April 2001, Outokumpu offriet li tikkomunika mal-Kummissjoni skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar in-nuqqas ta' impożizzjoni jew it-tnaqqis ta' multi f'każijiet ta' kartell (ĠU 1996, C 207, p. 4, iktar 'il quddiem l-"Avviż tal-1996 dwar il-kooperazzjoni"). Ir-rikorrenti ppreżentat memorandum dwar dan is-suġġett fit-30 ta' Mejju 2001.

4 B'risposta għal talba għal informazzjoni skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament Nru 17 magħmula f'Lulju 2002 mill-Kummissjoni lill-grupp KME u lil Wieland, din tal-aħħar talbet, fit-30 ta' Settembru 2002, li jiġi applikat fir-rigward tagħha l-Avviż tal-1996 dwar il-kooperazzjoni.

5 Sussegwentement għall-istess talba għal informazzjoni, fil-15 ta' Ottubru 2002, il-grupp KME talab, għalih innifsu, li jiġi applikat l-imsemmi avviż.

6 Wara li għamlet investigazzjoni, li kienet tinkludi investigazzjonijiet addizzjonali fil-bini ta' Outokumpu u tal-grupp KME, wara li pparteċipat f'laqgħat mar-rappreżentanti ta' Outokumpu, tal-grupp KME u ta' Wieland, kif ukoll, skont l-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 17, wara li għamlet talbiet għal informazzjoni addizzjonali lill-grupp KME u lil Weiland, f'Lulju 2003 il-Kummissjoni bdiet proċedura ta' ksur u adottat

dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet indirizzata lill-grupp KME, lir-rikorrenti u lil Outokumpu. Minħabba li l-impriżi destinatarji rrinunżjaw li tinżamm seduta, din ma nżammitx.

7 Fis-16 ta' Diċembru 2003, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni C (2003) 4820 finali, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/E-1/38.240 — Tubi industrijali) (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni kkontestata"), li sommarju tagħha huwa ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea* tat-28 ta' April 2004 (ĠU L 125, p. 50).

8 Mid-Deċiżjoni kkontestata jirriżulta li, lejn l-aħħar tas-snin 80, il-manifatturi organizzati fi ħdan l-assoċjazzjoni għall-kwalità tat-tubi użati fis-settur tal-arja kundizzjonata u tat-tkessiħ (Cuproclima Quality Association, iktar 'il quddiem "Cuproclima"), li fosthom hemm ir-rikorrenti, estendew il-kooperazzjoni tagħhom għall-kwistjonijiet ta' kompetizzjoni.

9 Il-laqgħat li Cuproclima kienet iżomm darbtejn fis-sena kienu kkostitwixxew okkażjoni regolari sabiex ikunu diskussi u ffissati l-prezzijiet kif ukoll kundizzjonijiet oħra kummerċjali applikabbli għat-tubi industrijali, wara li tkun ġiet diskussa l-aġenda uffiċjali tagħhom. Kuntatti bilaterali bejn l-impriżi kkonċernati kienu kkompletaw dawn il-laqgħat li jmorru kontra r-regoli tal-kompetizzjoni. L-impriżi kkonċernati kienu ffissaw objettivi ta' prezzijiet kif ukoll kundizzjonijiet kummerċjali oħra għat-tubi industrijali. Huma kienu kkoordinaw żidiet fil-prezz, qasmu l-klijenti u l-ishma tas-suq u ssorveljaw l-implementazzjoni tal-ftehim antikompetittiv tagħhom, minn naħa, billi ħatru mexxejja għas-swieq u, min-naħa l-oħra, billi skambjaw informazzjoni kunfidenzjali.

10 Id-Deċiżjoni kkontestata tinkludi b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet li ġejjin:

*"Artikolu 1*

Is-segwenti impriżi kisru d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 81(1) [KE] u, b'effett mill-1 ta' Jannar 1994, tal-Artikolu 53(1) tal-Ftehim ŻEE billi pparteċipaw, fil-perijodi msemmija, f'numru ta' ftehim u prattiki miftehma li jikkonsistu fl-iffissar tal-prezzijiet u fit-tqassim bejnithom tas-swieq fis-settur tat-tubi industrijali:

a) [Wieland] mit-3 ta' Mejju 1988 sat-22 ta' Marzu 2001;

b) Outokumpu […], individwalment mit-3 ta' Mejju 1998 sat-30 ta' Diċembru 1988, u *insolidum* ma' [Luvata] mill-31 ta' Diċembru 1988 sat-22 ta' Marzu 2001;

c) [Luvata], mill-31 ta' Diċembru 1988 sat-22 ta' Marzu 2001 (*insolidum* ma' Outokumpu […]);

d) [KME Germany], individwalment mit-3 ta' Mejju 1988 sad-19 ta' Ġunju 1995, u *insolidum* ma' [KME France] u [KME Italy] mill-20 ta' Ġunju 1995 sat-22 ta' Marzu 2001;

e) [KME Italy], *insolidum* ma' [KME France] mit-3 ta' Mejju 1988 sad-19 ta' Ġunju 1995, u *insolidum* ma' [KME Germany] u [KME France] mill-20 ta' Ġunju 1995 sat-22 ta' Marzu 2001;

f) [KME France], *insolidum* ma' [KME Italy] mit-3 ta' Mejju 1988 sad-19 ta' Ġunju 1995, u *insolidum* ma' [KME Germany] u [KME Italy] sal-20 ta' Ġunju 1995 sat-22 ta' Marzu 2001.

*Artikolu 2*

Is-segwenti multi huma imposti għall-ksur imsemmi fl-Artikolu 1:

a) [Wieland]: EUR 20.79 miljun;

b) Outokumpu […] u [Luvata], *insolidum*: EUR 18.13-il miljun;

c) [KME Germany], [KME France] u [KME Italy], *insolidum*: EUR 18.99-il miljun;

d) [KME Germany]: EUR 10.41 miljun;

e) [KME Italy] u [KME France] *insolidum*: EUR 10.41 miljun."

11 Fl-ewwel lok, rigward l-iffissar tal-ammont inizjali tal-multa, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-ksur, li sostanzjalment kien jikkonsisti fl-iffissar tal-prezzijiet u fit-tqassim tas-swieq kien, minnu nnifsu, ksur serju ħafna (premessa 294 tad-Deċiżjoni kkontestata).

12 Sabiex tiddetermina l-gravità tal-ksur, il-Kummissjoni ħadet ukoll inkunsiderazzjoni l-fatt li l-kartell kien affettwa t-territorju kollu taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) (premessa 316 tad-Deċiżjoni kkontestata). Il-Kummissjoni barra minn hekk eżaminat l-effetti reali tal-ksur u kkonstatat li l-akkordju kien "globalment, ipproduċa effetti fuq is-suq" (premessa 314 tad-Deċiżjoni kkontestata).

13 Għall-finijiet ta' din l-aħħar konstatazzjoni, il-Kummissjoni bbażata ruħha b'mod partikolari fuq il-provi segwenti. L-ewwel nett, hija ħadet inkunsiderazzjoni l-implementazzjoni tal-akkordju billi għamlet riferiment għall-fatt li l-parteċipanti kienu kkomunikaw bejniethom il-volumi ta' bejgħ u l-livelli ta' prezzijiet (premessa 300 tad-Deċiżjoni kkontestata). It-tieni nett, xi dokumenti fil-fajl urew li l-prezzijiet kienu naqsu fil-perijodu meta l-ftehim kollużiv ma ġiex osservat ħafna u żdiedu sewwa matul perijodi oħra (premessa 310 tad-Deċiżjoni kkontestata). It-tielet nett, il-Kummissjoni għamlet riferiment għas-sehem tas-suq kollettiv ta' 75 sa 85 % li kellhom il-membri tal-akkordju (premessa 310 tad-Deċiżjoni kkontestata). Ir-raba nett, il-Kummissjoni kkonstatat li l-ishma tas-suq rispettivi tal-parteċipanti fl-akkordju kienu baqgħu relattivament stabbli matul it-tul kollu tal-ksur, anki jekk xi drabi l-klijenti tal-parteċipanti nbiddlu (premessa 312 tad-Deċiżjoni kkontestata).

14 Fl-aħħar nett, dejjem fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-gravità tal-ksur, il-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni l-fatt li s-suq tat-tubi industrijali tar-ram kien jikkostitwixxi settur importanti, li l-valur tiegħu ġie stmat għal EUR 288 miljun f'dak li jikkonċerna ż-ŻEE (premessa 318 tad-Deċiżjoni kkontestata).

15 Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi kollha, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-ksur inkwistjoni kellu jiġi ikkunsidrat bħala serju ħafna (premessa 320 tad-Deċiżjoni kkontestata).

16 Fit-tieni lok, il-Kummissjoni adottat trattament differenzjat tal-impriżi kkonċernati, sabiex tieħu inkunsiderazzjoni l-kapaċità ekonomika effettiva ta' kull waħda minnhom li tikkawża dannu sostanzjali lill-kompetizzjoni. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni rrilevat l-eżistenza ta' differenza bejn l-ishma tas-suq miżmuma fis-suq tat-tubi industrijali fiż-ŻEE, minn naħa, mill-grupp KME, leader fis-suq taż-ŻEE b'ishma tas-suq ta' [*kunfidenzjali*] [1] %, u, minn naħa l-oħra, Outokumpo u Wieland li għandhom rispettivament ishma tas-suq ta' [*kunfidenzjali*] u 13.4 %. Fid-dawl ta' din id-differenza, l-ammont inizjali tal-multa imposta fuq Outokumpu u fuq Wieland kien ġie stabbilit għal 33 % ta' dak impost fuq il-grupp KME, jiġifieri EUR 11.55 miljun għal Outokumpu u għal Wieland u EUR 35 miljun għall-grupp KME (premessi 327 u 328 tad-Deċiżjoni kkontestata).

17 Fit-tielet lok, sabiex tieħu inkunsiderazzjoni n-neċessità li l-multa tiġi stabbilita f'livell li jiżgura effett dissważiv, il-Kummissjoni żiedet l-ammont inizjali tal-multa imposta fuq Outokumpu b'50 %, u ġabitu għalhekk għal EUR 17.33 miljun, billi ikkunsidrat li d-dħul mill-bejgħ dinji ta' Outokumpu, ta' iktar minn EUR 5 biljun, kien jindika li kellha daqs u saħħa ekonomika li kienu jawtorizzaw l-imsemmija żieda (premessa 334 tad-Deċiżjoni kkontestata).

18 Fir-raba' lok, il-Kummissjoni kklassifikat it-tul tal-ksur, li dam mit-3 ta' Mejju 1988 sat-22 ta' Marzu 2001, bħala "twil". Għalhekk, billi ħadet inkunsiderazzjoni t-tul tal-ksur, il-Kummissjoni għaldaqstant iddeċidiet li kien xieraq li żżid l-ammont inizjali tal-multi imposti fuq l-impriżi kkonċernati b'10 % għal kull sena ta' parteċipazzjoni fil-kartell. Għaldaqstant, l-ammont inizjali tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti kien ġie miżjud għal 125 %, fejn l-ammont bażiku kien konsegwentement stabbilit għal EUR 25.99 miljuni (premessi 338, 342 u 347 tad-Deċiżjoni kkontestata).

1 — Data kunfidenzjali mħassra

19 Fil-ħames lok, fir-rigward ta' ċirkustanzi aggravanti, l-ammont bażiku tal-multa imposta fuq Outokumpu kien ġie miżjud b'50 % minħabba li din kienet instabet ħatja ta' reċidiva, peress li hija kienet destinatarja tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 90/417/KEFA, tat-18 ta' Lulju 1990, dwar proċedura skont l-Artikolu 65 [KEFA] dwar il-ftehim u l-prattiki miftehma tal-manifatturi Ewropej ta' prodotti ċatti tal-azzar inossidabbli laminati bil-kesħa (ĠU L 220, p. 28) (premessa 354 tad-Deċiżjoni kkontestata).

20 Fis-sitt lok, fir-rigward ta' ċirkustanzi attenwanti, il-Kummissjoni rrilevat li, mingħajr il-kooperazzjoni ta' Outokumpu, hija setgħet tistabbilixxi l-eżistenza tal-komportament li jikkostitwixxi ksur biss għal perijodu ta' erba' snin u għalhekk naqqset l-ammont bażiku tal-multa tagħha bi EUR 22.22 miljun, b'mod li l- ammont bażiku jikkorrispondi għall-multa li kieku kienet tkun imposta fuqha għal dan il-perijodu (premessa 386 tad-Deċiżjoni kkontestata).

21 Fis-seba' u l-aħħar lok, il-Kummissjoni, bis-saħħa tat-Titolu D tal-Avviż tal-1996 dwar il-kooperazzjoni, naqqset l-ammont tal-multi b'50 % għal Outokumpu, b'20 % għal Wieland, u bi 30 % għall-grupp KME (premessi 402, 408 u 423 tad-Deċiżjoni kkontestata).

**Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet**

22 B'att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza, fl-24 ta' Marzu 2004, ir-rikorrenti ppreżentat dan ir-rikors.

23 Peress li l-kompożizzjoni tal-Awli tal-Qorti tal-Prim'Istanza nbidlet, l-Imħallef Relatur ġie assenjat lit-Tmien Awla u għaldaqstant din il-kawża ġiet assenjata lil din tal-aħħar.

24 It-trattazzjonijiet u r-risposti tal-partijiet għad-domandi orali magħmula mill-Qorti tal-Prim'Istanza nstemgħu waqt is-seduta tal-5 ta' Marzu 2008.

25 Ir-rikorrenti titlob lill-Qorti tal-Prim'Istanza jogħġobha:

— tannulla jew, sussidjarjament, tnaqqas il-multa imposta mill-Kummissjoni fl-Artikolu 2(a) tad-Deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

26 Il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Prim'Istanza jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors;

— tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

## Id-dritt

27 F'dan il-każ, insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti teċepixxi l-ewwel nett l-illegalità tal-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17 inkwantu din id-dispożizzjoni tikser il-prinċipju ta' *nulla poena sine lege*. Hija tressaq ukoll erba' motivi, ibbażati, rispettivament, fuq evalwazzjoni inkoretta tad-daqs tas-suq affettwat mill-ksur, teħid inkunsiderazzjoni inadatt tad-daqs tal-impriżi kkonċernati, żieda żbaljata tal-ammont tal-multa minħabba t-tul tal-ksur u applikazzjoni diskriminatorja, fir-rigward tagħha, tal-Avviż tal-1996 dwar il-kooperazzjoni.

28 Fir-rigward tal-motivi li jirrigwardaw il-kalkolu tal-ammont tal-multa, għandu jitfakkar, minn naħa, li mill-premessi 290 sa 387 tad-Deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-multi imposti mill-Kummissjoni minħabba l-ksur ġew imposti bis-saħħa tal-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17 u, min-naħa l-oħra, li minkejja li l-Kummissjoni ma tagħmilx riferiment espliċitament, fid-Deċiżjoni kkontestata, għal- linji ta' gwida [linji gwida] dwar il-metodi tal-kalkoli tal-multi imposti skond l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17 u l-Artikolu 65(5) [KEFA] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol 1, p. 171, iktar 'il quddiem il-"linji gwida"), huwa paċifiku li hija ddeterminat l-ammont tal-multi skont il-metodoloġija ddefinita fihom.

29 Il-linji gwida, għalkem ma jistgħux jiġu kkwalifikati bħala dispożizzjoni legali, jistipulaw regola ta' kondotta indikattiva tal-prattika li għandha tiġi segwita li l-Kummissjoni ma tistax tinjora, f'każ partikolari, mingħajr ma tagħti raġunijiet (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tat-18 ta' Mejju 2006, Archer Daniels Midlan u Archer Daniels Midland Ingredients vs Il-Kummissjoni, C-397/03 P, Ġabra p. I-4429, punt 91, u l-ġurisprudenza ċċitata).

30 Il-Qorti tal-Prim'Istanza għandha għalhekk tivverifika, fil-kuntest tal-istħarriġ tal-legalità tal-multi imposti permezz tad-Deċiżjoni kkontestata, jekk il-Kummissjoni eżerċitatx is-setgħa diskrezzjonali tagħha skont il-metodu previst fil-linji gwida u, sa fejn tali qorti jkollha tikkonstata li l-Kummissjoni tbegħdet minnu, hija għandha tivverifika jekk tali tbegħid huwiex iġġustifikat u mmotivat biżżejjed kif meħtieġ mill-liġi. F'dan ir-rigward, għandu jkun irrilevat li l-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat

il-validità, minn naħa, tal-prinċipju nnifsu tal-linji gwida u, min-naħa l-oħra, tal-metodu indikat fihom (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-28 ta' Ġunju 2005, Dansk Rørindustri et vs Il-Kummissjoni, C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, Ġabra p. I-5425, punti 252 sa 255, 266 sa 267, 312 u 313).

31 L-awtolimitazzjoni tas-setgħa diskrezzjonali tal-Kummissjoni li tirriżulta mill-adozzjoni tal-linji gwida fil-fatt mhijiex inkompatibbli mal-fatt li l-Kummissjoni żżomm marġni ta' diskrezzjoni sostanzjali. Il-linji gwida fihom elementi ta' flessibbiltà differenti li jippermettu lill-Kummissjoni teżerċita s-setgħa diskrezzjonali tagħha skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 17, kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja (sentenza Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni, punt 30 iktar 'il fuq, punt 267).

32 Barra minn hekk, f'oqsma bħal dak tad-determinazzjoni tal-ammont ta' multa imposta skont l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17, fejn il-Kummissjoni għandha marġni ta' diskrezzjoni, pereżempju f'dak li jikkonċerna r-rata ta' żieda għall-finijiet ta' dissważjoni, l-istħarriġ tal-legalità mwettaq fuq dawn l-evalwazzjonijiet huwa limitat għal dak tan-nuqqas ta' żball manifest ta' evalwazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza, tat-18 ta' Lulju 2005, Scandinavian Airlines System vs Il-Kummissjoni, T-241/01, Ġabra p. II-2917, punt 79).

33 Barra minn hekk, bħala prinċipju, il-marġni ta' diskrezzjoni tal-Kummissjoni u l-limiti li hija imponiet fuqha nnifisha ma jippreġudikawx, l-eżerċizzju, mill-qorti Komunitarja, tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha (sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza, tat-8 ta' Lulju 2004, JFE Engineering *et* vs Il-Kummissjoni, T-67/00, T-68/00, T-71/00 u T-78/00, Ġabra p. II-2501, punt 538), li jippermettilha tannulla, tnaqqas jew iżżid l-ammont tal-multa imposta mill-Kummissjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tat-8 ta' Frar 2007, Groupe Danone vs Il-Kummissjoni, C-3/06 P, Ġabra p. I-1331, punti 60 sa 62; is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza, tal-21 ta' Ottubru 2003, General Motors Nederland u Opel Nederland vs Il-Kummissjoni, T-368/00, Ġabra p. II-4491, punt 181).

*Fuq l-eċċezzjoni ta' illegalità tal-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17*

L-argumenti tal-partijiet

34 Ir-rikorrenti ssostni, essenzjalment, li l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17 kif ukoll l-applikazzjoni li l-Kummissjoni għamlet tiegħu fil-prassi deċiżjonali tagħha jiksru l-prinċipju *nulla poena sine lege*, sa fejn il-Kummissjoni għandha marġni ta' manuvra kważi illimitat fl-iffissar tal-ammont tal-multi u sa fejn l-ammont tal-multa inkwistjoni ġie għaldaqstant determinat b'mod każwali. Għaldaqstant, l-ordni sabiex ir-rikorrenti tħallas EUR 20.79 miljun hija illegali.

35 Ir-rikorrenti tfakkar li r-regoli Komunitarji għandhom josservaw il-prinċipju *nulla poena sine lege*, li għandu importanza essenzjali fil-każ ta' regoli li għandhom in-natura ta' sanzjoni. Skont dan il-prinċipju, il-leġiżlazzjoni Komunitarja għandha tkun ċara, eżatta u prevedibbli għall-persuni kkonċernati, u, f'każ ta' leġiżlazzjoni li jista' jkollha konsegwenzi finanzjarji, in-natura ta' ċertezza u ta' prevedibbiltà jikkostitwixxu obbligu li għandu jiġi impost bi strettezza partikolari.

36 Ir-rikorrenti tenfasizza li r-regoli Komunitarji għandhom barra minn hekk jiddefinixxu b'mod prevedibbli mhux biss l-komportament issanzjonat, iżda wkoll il-konsegwenzi ġuridiċi li jirriżultaw minnu għall-individwu. Anki jekk, skont ir-rikorrenti, l-eżistenza ta' marġni ta' diskrezzjoni tal-amministrazzjoni tista' tavvera ruħha neċessarja, xorta jibqa' l-fatt li dan il-marġni ma għandux ikun illimitata, iktar u iktar fil-każ ta' regola tad-dritt sekondarju jew ta' miżura kriminali jew "kważi kriminali".

37 Skont ir-rikorrenti, kemm mid-dikjarazzjonijiet uffiċjali tal-Kummissjoni kif ukoll mill-interpretazzjoni wiesgħa mogħtija lill-kunċett ta' proċeduri kriminali mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (iktar 'il quddiem il-"Qorti EDB") jirriżulta li

l-multi imposti skont l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17 għandhom in-natura ta' sanzjonijiet kriminali. Insostenn ta' din il-konklużjoni, ir-rikorrenti tagħmel riferiment ukoll għall-ġurisprudenza Komunitarja (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-15 ta' Lulju 1970, ACF Chemiefarma vs Il-Kummissjoni, 41/69, Ġabra p. 661, punti 172 *et seq.*, u sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza, tal-20 ta' Marzu 2002, Brugg Rohrsysteme vs Il-Kummissjoni, T-15/99, Ġabra p. II-1613, punt 123).

38 Ir-rikorrenti tallega li r-Regolament Nru 17, li jillimita ruħu li jindika li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni "l-gravità u t-tul" tal-ksur biex jiġi determinat l-ammont tal-multa, ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' ċarezza u ta' prevedibbiltà ta' liġi. Fil-fatt, il-Kunsill ma ssodisfax l-obbligu tiegħu taħt l-Artikolu 83 KE, li jiddelimita ċarament il-kompetenza mogħtija lill-Kummissjoni.

39 Ir-rikorrenti tallega wkoll li l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17 ma jipprevedix limitu għall-ammont tal-multa, li jimplika li, għal ksur partikolari, l-imsemmi artikolu jippermetti lill-Kummissjoni timponi multi li jibdew minn EUR 1 000 sa, għal ċerti gruppi dinjija, diversi għexieren ta' bijuni ta' euro. Dan ifisser li l-liġi ma tistabbilixxix bil-quddiem l-ammont tal-multa, iżda li dan tal-aħħar huwa esklużivament stabbilit mill-Kummissjoni. Għaldaqstant, hemm riskju li l-iffissar tal-ammont tal-multa jkun arbitrarju u inkontrollabbli. Għaldaqstant, dan l-artikolu jikser regola Komunitarja superjuri (il-prinċipju *nulla poena sine lege*) kif ukoll id-drittijiet fundamentali dwar id-determinazzjoni ta' sanzjonijiet kriminali li jirriżultaw mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (KEDB), iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950, u mill-ġurisprudenza tal-Qorti EDB.

40 Ir-rikorrenti tikkunsidra li l-Artikolu 15(4) tar-Regolament Nru 17, li jgħid li d-deċiżjonijiet li jimponu multi ma għandhomx ikunu ta' natura ta' liġi kriminali, ma jaffettwax ir-raġunament tagħha, peress li, minn naħa, kull regola Komunitarja, kemm jekk ta' natura kriminali kif ukoll jew le, għandha tosserva l-prinċipju *nulla poena sine lege* u, min-naħa l-oħra, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti EDB, mhuwiex l-isem ta' att ġuridiku li huwa determinanti, iżda l-kontenut tiegħu.

41 Ir-rikorrenti tallega min-naħa l-oħra li l-linji gwida ma jirrimedjawx għan-nuqqas ta' preċiżjoni u ta' ċarezza tar-Regolament Nru 17. Fil-fatt, l-ammont inizjali tal-multi għall-ksur ikkwalifikat bħala "serju ħafna" huwa ffissat arbitrarjament u indipendentement mid-dħul mill-bejgħ tal-impriża. Ir-rikorrenti tallega wkoll li, f'kull każ, il-linji gwida ma jistgħux jikkostitwixxu "liġi" fis-sens tal-KEDB. F'dan il-kuntest, ir-rikorrenti tenfasizza li tali linji jorbtu biss lill-Kummissjoni u mhux lill-qrati, li huma awtorizzati jeżerċitaw ġurisdizzjoni sħiħa fuq id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni.

42 Skont ir-rikorrenti, billi huma l-qrati li għandhom ġurisdizzjoni sabiex jistabbilixxu l-ammont definittiv tal-multi, dawn mhumiex marbuta mil-linji gwida, inkwantu dawn tal-aħħar ma għandhom ebda effett fuq l-evalwazzjoni tal-legalità ta' sanzjoni kriminali fis-sens tal-Artikolu 7 tal-KEDB. Barra minn dan, ir-rikorrenti tirrileva li l-Qorti tal-Prim'Istanza reċentement iddikjarat li l-kuntest ġuridiku għad-determinazzjoni tal-ammont tal-multi kien definit biss mir-Regolament Nru 17.

43 Barra minn hekk, ir-rikorrenti tikkunsidra li l-fatt li l-ammont tal-multi ffissat mill-Kummissjoni jista' jiġi mistħarreġ mill-qorti Komunitarja bis-saħħa tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha ma jistax jirrimedja għall-illegalità tal-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17.

44 Ir-rikorrenti tenfasizza, barra minn hekk, li, meta dispożizzjoni tikser il-prinċipju *nulla poena sine lege*, tali ksur ma jistax jiġi rrimedjat għas-sempliċi raġuni li l-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' trattament ugwali kienu ġew osservati fl-applikazzjoni tal-imsemmija dispożizzjoni.

45 Ir-rikorrenti tallega wkoll li, għalkemm huwa possibbli li meta tfassal l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17 kien kompatibbli mal-prinċipju *nulla poena sine lege*, dan mhux iktar il-każ issa sa fejn id-dħul mill-bejgħ magħmul mill-kumpanniji huwa ħafna iktar ogħla llum milli kien qabel.

46 Fl-aħħar, ir-rikorrenti tallega li, f'kull każ u indipendentement mil-legalità tal-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17, il-Kummissjoni għandha, fl-iffissar tal-ammont tal-multi, tuża l-marġni ta' manuvra tagħha fid-dawl tal-prinċipju *nulla poena sine lege*. B'hekk, hija kien imissha applikat, fil-prassi deċiżjonali tagħha u permezz tal-linji gwida, ċertu livell ta' trasparenza u ta' prevedibbiltà fir-rigward tal-iffissar tal-ammont tal-multi. Madankollu, hija naqset milli tagħmel dan u pprivileġjat l-effett dissważiv tas-sanzjoni.

47 Il-Kummissjoni titlob li l-motiv tar-rikorrenti jiġi miċħud.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza

48 Fir-rigward tal-argument li l-Kummissjoni kien imissha applikat, fil-prassi deċiżjoniali tagħha u fil-linji gwida, ċerta livell ta' trasparenza u ta' prevedibbiltà fir-rigward ta' iffissar tal-ammont tal-multi, għandu jiġi kkonstatat li dan l-argument ma jimplika ebda ilment ġuridiku konkret kontra r-Regolament Nru 17 jew id-Deċiżjoni kkontestata, iżda jesprimi xewqat fir-rigward tal-eżerċizzju prattiku tal-politika tal-Kummissjoni. Għaldaqstant, jeħtieġ li dan l-argument jiġi miċħud bħala irrilevanti.

49 Fir-rigward tal-mertu, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li mis-sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza, tal-5 ta' April 2006, Degussa vs Il-Kummissjoni (T-279/02, Ġabra p. II-897, punti 66 sa 88), u tas-27 ta' Settembru 2006, Jungbunzlauer vs Il-Kummissjoni (T-43/02, Ġabra p. II-3435, punti 69 sa 92), jirriżulta ċarament li l-eċċezzjoni ta' illegalità mqajma mir-rikorrenti ma tistax tiġi milqugħa. Barra minn hekk, din il-ġurisprudenza għadha kif ġiet ikkonfermata mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tat-22 ta' Mejju 2008, Evonik Degussa vs Il-Kummissjoni u Il-Kunsill (C-266/06 P, mhux ippubblikata fil-Ġabra, punti 36 sa 63).

50 Għaldaqstant, l-eċċezzjoni ta' illegalità għandha għalhekk tiġi miċħuda.

*Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq evalwazzjoni inadegwata tad-daqs tas-settur affetwat mill-ksur*

L-argumenti tal-partijiet

51 Ir-rikorrenti ssostni li, billi qieset li l-valur tas-suq ikkonċernat kien ta' EUR 288 miljun, il-Kummissjoni eżaġerat id-daqs tiegħu u, għaldaqstant, il-gravità tal-ksur, fatt li ta lok għal multa eċċessiva. Hija tiddikjara wkoll li l-motivazzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tal-kalkolu tad-dħul mill-bejgħ tagħha hija insuffiċjenti u tikkostitwixxi, għaldaqstant, ksur tal-Artikolu 253 KE.

52 Ir-rikorrenti tosserva li, fis-settur tat-tubi industrijali, il-prezz totali tal-prodotti huwa kompost normalment mill-prezz tar-ram, ibbażat fuq il-kwotazzjoni fil-London Metal Exchange (Borża tal-metalli ta' Londra, iktar 'il quddiem l-"LME"), u mill-ispiża tal-ipproċessar, li tikkorispondi għall-valur miżjud mill-manifattur (iktar 'il quddiem il-"marġni tal-ipproċessar"). Il-materja prima neċessarja għall-manifattura tat-tubi industrijali hija pprovduta jew mill-klijent, jew mill-manifattur tat-tubi nnifsu, li jiffaturaha mbaghad fil-prezz totali.

53 Skont ir-rikorrenti, id-daqs tas-suq ikkonċernat huwa determinanti sabiex tiġi evalwata l-gravità ta' ksur u sabiex jiġi ffissat l-ammont inizjali tal-multa.

54 Billi bbażat ruħha fuq dak li jippreċedi, ir-rikorrenti ssostni li, sa fejn il-ksur kien jirrigwarda biss il-marġni tal-ipproċessar (30 sa 40 % tal-prezz finali), il-Kummissjoni kien imissha naqset 60 sa 70 % mill-prezz totali tal-prodotti inkwistjoni fl-evalwazzjoni tad-daqs tas-suq affettwat, li kien iwassal sabiex jiġi ffissat ammont inizjali tal-multa inqas ogħli. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti tfakkar li hija ma għandha l-ebda influwenza fuq il-prezz tar-ram, billi dan huwa ffissat skont l-LME. Fil-fatt, il-prezz tar-ram huwa biss element li, essenzjalment, għandu jingħadda fuq il-klijenti. Ir-rikorrenti tiddikjara li, li kieku l-membri tal-kartell ppruvaw iżidu l-prezz tar-ram, il-klijenti tagħhom kienu jiksbuh mingħand impriżi terzi.

55 B'hekk, fir-rigward tal-provvista tar-ram, ir-rikorrenti aġixxiet bħala intermedjarja. Il-Kummissjoni kien imissha għalhekk ikkalkulat id-dħul mill-bejgħ tas-suq bl-istess mod li biħ hija tikkalkula d-dħul mill-bejgħ tal-intermedjarji fil-kuntest tal-investigazzjoni tal-operazzjonijiet ta' konċentrazzjoni. Barra minn hekk, sa fejn l-ispejjeż tar-ram jirrapreżentaw parti importanti ħafna tat-total tal-ispejjeż, il-Kummissjoni ma setgħetx titrattahom bl-istess mod bħall-ispejjeż ta' kunsinna u ta' imballaġġ, li ġeneralment jikkostitwixxu parti insinjifikattiva mit-total tal-ispejjeż. Għaldaqstant, fl-evalwazzjoni korretta tad-daqs tas-suq inkwistjoni u, konsegwentement, tal-gravità tal-kartell, il-Kummissjoni kien imissha ħadet inkunsiderazzjoni biss il-frazzjoni tal-prezz li l-ksur inkwistjoni kien affettwa, jiġifieri l-marġni tal-ipproċessar. Il-Kummissjoni għamlet il-kontra ta dan billi applikat approċċ formali wisq fil-kalkolu tad-dħul mill-bejgħ rilevanti.

56 Ir-rikorrenti ssostni wkoll li l-Kummissjoni kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha meta għamlet riferiment għas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-13 ta' Diċembru 2001, KruppThyssen Stainless u Acciai speciali Terni vs Il-Kummissjoni (T-45/98 u T-47/98, Ġabra p. II-3757), iċċitata fil-premessa 319 tad-Deċiżjoni kkontestata, sabiex tiġġustifika l-inklużjoni tal-prezz tal-metal fid-dħul mill-bejgħ magħmul fuq is-suq inkwistjoni. Din is-sentenza hija irrilevanti f'dan il-każ, billi minnha jirriżulta biss li akkordju li jirrigwarda biss parti mill-prezz finali jikser id-dritt tal-kompetizzjoni, fatt li huwa inkontestabbli f'dawn il-proċeduri. F'dan il-każ, il-kwistjoni rilevanti hija l-identifikazzjoni tad-dħul mill-bejgħ adegwat sabiex jiġi stabbilit l-ammont inizjali tal-multa.

57 Il-Kummissjoni titlob li dan il-motiv imqajjem mir-rikorrenti jiġi miċħud.

## Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza

58 F'dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, l-allegazzjoni ta' nuqqas ta' motivazzjoni, għandu jiġi rrilevat li skont ġurisprudenza stabbilita l-motivazzjoni ta' deċiżjoni individwali għandha turi, b'mod ċar u inekwivoku, ir-raġunament tal-istituzzjoni, awtriċi tal-att, b'mod li jippermetti li l-persuni kkonċernati jkunu jafu l-ġustifikazzjonijiet tal-miżura meħuda u li l-qorti kompetenti teżerċita l-istħarriġ tagħha. Ir-rekwiżit ta' motivazzjoni

għandu jkun evalwat fid-dawl taċ-ċirkustanzi inkwistjoni. Mhuwiex meħtieġ li l-motivazzjoni tispeċifika l-punti ta' fatt u ta' liġi rilevanti kollha, sa fejn il-kwistjoni ta' jekk din tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 253 KE għandha tiġi evalwata mhux biss fid-dawl tal-kliem tal-att inkwistjoni, imma wkoll tal-kuntest li fih dan l-att ġie adottat kif ukoll tar-regoli ġuridiċi kollha li jirregolaw il-kwistjoni kkonċernata (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tat-2 ta' April 1998, Il-Kummissjoni vs Sytraval u Brink's France, C-367/95 P, Ġabra p. I-1719, punt 63, u l-ġurisprudenza ċċitata).

59 F'dak li jikkonċerna l-iffissar ta' multi minħabba ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni, ir-rekwiżiti tal-formalità sostanzjali li dan l-obbligu ta' motivazzjoni jikkostitwixxi huma sodisfatti meta l-Kummissjoni tindika, fid-deċiżjoni tagħha, l-elementi ta' evalwazzjoni li ppermettewlha tiddetermina l-gravità u t-tul tal-ksur (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-15 ta' Ottubru 2002, Limburgse Vinyl Maatschappij *et* vs Il-Kummissjoni, C-238/99 P, C-244/99 P, C-245/99 P, C-247/99 P, C-250/99 P sa C-252/99 P u C- 254/99 P, Ġabra p. I -8375, punt 463 u l-ġurisprudenza ċċitata).

60 F'dan il-każ, il-Kummissjoni, fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-gravità tal-ksur inkwistjoni, issodisfat dawn ir-rekwiżiti fil-premessi 292 sa 320 tad-Deċiżjoni kkontestata. B'mod partikolari, mill-premessa 318 tal-imsemmija deċiżjoni jirriżulta li l-Kummissjoni, fl-evalwazzjoni tagħha tal-gravità tal-ksur, ħadet inkunsiderazzjoni d-dħul mill-bejgħ tas-suq ikkonċernat. Barra minn dan fil-premessa 319 ta' din l-istess deċiżjoni, il-Kummissjoni irrispondiet għall-kritiki, dwar it-teħid inkunsiderazzjoni tal-prezz tar-ram għall-finijiet tal-kalkolu tal-imsemmi dħul mill-bejgħ, imqajma mill-impriżi kkonċernati. Il-fatt li din ir-risposta tista' tkun żbaljata ma jistax jikkonfuta n-natura suffiċjenti tal-motivazzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata, peress li d-determinazzjoni tal-eżistenza ta' żball tali taqa' taħt l-istħarriġ tal-legalità tal-mertu tal-imsemmija deċiżjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja, Il-Kummissjoni vs Sytraval u Brink's France, punt 58 *supra* punti 66 sa 72, u tat-2 ta' Ottubru 2003, International Power *et* vs NALOO, C-172/01 P, C-175/01 P, C-176/01 P u C-180/01 P, Ġabra p. I-11421, punti 134 sa 138).

61 Minn dan jirriżulta li l-ilment ibbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni għandu jiġi miċħud.

62 It-tieni nett, fir-rigward tal-mertu, għandu jiġi enfasizzat, li l-metodoloġija, prevista fil-linji gwida, adottata mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni kkontestata (ara l-punt 28 iktar 'il fuq), tissodisfa loġika stabbilita li tgħid li l-ammont inizjali ġenerali tal-multa, determinat skont il-gravità tal-ksur, huwa kkalkolat abbażi tan-natura tal-ksur, tal-impatt konkret tiegħu fuq is-suq fejn dan jista' jiġi kkalkolat u tad-daqs tas-suq ġeografiku rilevanti (l-ewwel paragrafu tal-Punt 1 A tal-linji gwida). Sussegwentement, l-ammont inizjali ġenerali tal-multa huwa individwalizzat għal kull parteċipant b'mod partikolari abbażi tad-daqs tiegħu.

63 Barra minn hekk, sabiex ikun determinat l-ammont inizjali tal-multa, il-Kummissjoni tista', mingħajr madankollu mhija obbligata tagħmel dan, tieħu inkunsiderazzjoni d-daqs tas-suq affettwat (sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza, tal-15 ta' Marzu 2006, BASF vs Il-Kummissjoni, T-15/02, Ġabra p. II-497, punt 134, u tas-27 ta' Settembru 2006, Roquette Frères vs Il-Kummissjoni, T-322/01, Ġabra p. II-3137, punti 149 u 150).

64 Fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza, jidher li l-premessa tar-rikorrenti, li tgħid li d-daqs tas-suq rilevanti huwa, fih innifsu, fattur determinanti sabiex tkun evalwata l-gravità ta' ksur, u, għaldaqstant sabiex jiġi determinat l-ammont inizjali ta' multa, hija infondata.

65 Madankollu mid-Deċiżjoni kkontestata jirriżulta b'mod ċar li, fl-evalwazzjoni tagħha tal-gravità tal-ksur inkwistjoni, l-Kummissjoni, f'dan il-każ, għażlet li tieħu inkunsiderazzjoni d-daqs tas-suq tat-tubi industrijali fiż-ŻEE. Minkejja li l-Kummissjoni kienet diġà kkonkludiet, abbażi tan-natura tal-ksur, li dan kien "serju ħafna" skont dawn il-linji gwida (premessa 294), hija fil-fatt iddeterminat, fid-Deċiżjoni kkontestata, il-gravità tal-ksur u, għaldaqstant, l-ammont inizjali ġenerali tal-multa, billi ħadet inkunsiderazzjoni l-effetti reali tal-kartell fuq is-suq (premessi 295 sa 314), id-daqs ġeografiku tas-suq inkwistjoni (premessi 315 sa 317) u l-fatt li s-settur li kien is-suġġett tal-ksur kien suq sinjifikattiv, li d-daqs tiegħu fiż-ŻEE kien stmat għal EUR 288 miljun (premessi 318 u 319).

66 Għalkemm, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-gravità tal-ksur u tal-ammont inizjali ġenerali tal-multa, id-daqs tas-suq ikkonċernat ikkostitwixxa biss wieħed mill-elementi meħuda inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni kkontestata, jibqa' l-fatt li l-Kummissjoni effettivament iffissat l-imsemmi ammont billi ħadet tali daqs inkunsiderazzjoni. Għaldaqstant, id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li l-ammont inizjali tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti ma kienx neċessarjament ikun inqas minn EUR 11.55 miljun li kieku l-prezz tar-ram tnaqqas mid-dħul mill-bejgħ tas-suq għandha tiġi miċħuda.

67 Konsegwentement, għandu jiġi vverifikat jekk il-Kummissjoni żbaljatx meta, fl-evalwazzjoni tad-daqs tas-suq affettwat, ħadet inkunsiderazzjoni l-prezz tar-ram.

68 Ir-rikorrenti tallega f'dan ir-rigward, minn naħa, li l-prezz tar-ram ma jaqax taħt il-kontroll tal-manifatturi tat-tubi industrijali minħabba li dan huwa ffissat skont l-LME u, min-naħa l-oħra, li huma x-xerrejja tat-tubi industrijali li jiddeċiedu huma stess b'liema prezz jinxtara l-metal. Ir-rikorrenti tenfasizza wkoll li l-fluttwazzjonijiet tal-prezz tal-metall ma għandhom ebda effett fuq il-qligħ tagħha.

69 Għalhekk għandu jiġi kkonstatat li ebda raġuni valida ma timponi li d-dħul mill-bejgħ ta' suq rilevanti jiġi kkalkolat billi jiġu eskluży ċerti spejjeż ta' manifattura. Kif ġustament irrilevat il-Kummissjoni, fis-setturi industrijali kollha jeżistu spejjeż inerenti għall-prodott lest li l-manifattur ma jistax jikkontrolla, imma li xorta waħda jikkostitwixxu element essenzjali tal-attivitajiet kollha tiegħu u li, għaldaqstant, ma jistgħux jiġu eskluży mid-dħul mill-bejgħ tiegħu meta jiġi ffissat l-ammont inizjali tal-multa (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza, tal-15 ta' Marzu 2000, Cimenteries CBR *et* vs Il-Kummissjoni, T-25/95, T-26/95, T-30/95 sa T-32/95, T-34/95 sa T-39/95, T-42/95 sa T-46/95, T-48/95, T-50/95 sa T-65/95, T-68/95 sa T-71/95, T-87/95, T-88/95, T-103/95 u T-104/95, Ġabra p. II-491, punti 5030 u 5031). Il-fatt li l-prezz tar-ram jikkostitwixxi parti sinjifikattiva mill-prezz finali tat-tubi industrijali jew li r-riskju ta' fluttwazzjonijiet fil-prezzijiet tar-ram huwa għola milli għal materji primi oħra ma jdgħajjifx din il-konklużjoni.

70 Għalhekk għandu jiġi konkluż li l-Kummissjoni kienet korretta meta ħadet inkunsiderazzjoni l-prezz tar-ram sabiex tiddetermina d-daqs tas-suq ikkonċernat.

*Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni xieraq tad-daqs tar-rikorrenti*

L-argumenti tal-partijiet

71 Ir-rikorrenti tiddikjara li, meta ffissat l-ammont inizjali u, għaldaqstant, l-ammont finali tal-multa, il-Kummissjoni naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni d-daqs tagħha kif jirriżulta mid-dħul mill-bejgħ globali tagħha, li fl-2002 kien jammonta għal EUR 1.2 biljun. Fl-istess żmien, id-dħul mill-bejgħ ta' KME u ta' Outokumpu ammonta rispettivament għal EUR 2.05 biljuni u għal EUR 5.56 biljuni. Ir-rikorrenti tallega li ż-żieda ta' 50 % tal-ammont inizjali tal-multa imposta fuq Outokumpu fil-premessa 334 tad-Deċiżjoni kkontestata mhiijiex biżżejjed sabiex jiġi ssodisfat l-obbligu tal-Kummissjoni li tosserva l-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' trattament ugwali. Il-Kummissjoni allegatament kisret ukoll il-prinċipju li jgħid li kull multa għandha tkun ir-riżultat ta' kalkolu individwalizzat.

72 Insostenn tal-motiv tagħha, ir-rikorrenti ssostni li d-daqs ġenerali tal-impriża għandu importanza partikolari fil-kuntest tal-iffissar tal-ammont tal-multa u li l-ammont inizjali tal-multa imposta fuq kull waħda mit-tliet impriżi kkonċernati kellu jkun individwalizzat sabiex ikun proporzjonali mad-diskrepanza eżistenti bejn id-daqsijiet tal-impriżi. Ir-rikorrenti tgħid ukoll li l-prinċipju ta' trattament ugwali jobbliga lill-Kummissjoni temenda l-ammont inizjali tal-multi abbażi tad-dħul mill-bejgħ globali tal-impriżi kollha u mhux biss ta' dak tal-impriżi l-kbar. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kellha tnaqqas l-ammont inizjali tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti.

73 F'dan ir-rigward ir-rikorrenti tfakkar, minn naħa, li l-Kummissjoni ma żieditx l-ammont inizjali tal-multa imposta fuq il-grupp KME minkejja l-fatt li dan huwa kważi darbtejn ikbar minnha u, min-naħa l-oħra, li Outokumpu, li hija ħames darbiet ikbar minnha, sostniet biss żieda ta' 50 % tal-ammont inizjali tal-multa li ġiet imposta fuqha.

74 Minn dan ir-rikorrenti tikkonkludi li l-Kummissjoni, billi ma ħaditx biżżejjed inkunsiderazzjoni d-disparità tal-kapacità ekonomika u tad-daqs tal-impriżi, sfavorixxietha, inkwantu impriża żgħira. Insostenn tat-talbiet tagħha, ir-rikorrenti tagħmel riferiment ukoll għal ċerti deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, fejn ir-relazzjoni bejn l-ammont finali tal-multa u d-dħul mill-bejgħ tal-impriżi ssanzjonati kienet inqas minn tagħha.

75 Fl-aħħar, ir-rikorrenti tqis li l-Kummissjoni naqset mill-obbligu tagħha ta' motivazzjoni billi ma ġġustifikatx it-trattament diskriminatorju li hija kienet is-suġġett tiegħu.

76 Il-Kummissjoni titlob li dan il-motiv imqajjem mir-rikorrenti jiġi miċħud.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza

77 Rigward, l-ewwel nett, l-ilment ibbażat fuq in-nuqqas ta' motivazzjoni, hemm lok li dan jiġi miċħud għar-raġunijiet li ġejjin.

78 L-ewwel, sa fejn Wieland tikkritika lill-Kummissjoni li ma tatx ir-raġuni għaliex hija kienet għażlet rata ta' żieda ta' 50 % fir-rigward ta' Outokumpu, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-obbligu ta' motivazzjoni huwa sodisfat meta

l-Kummissjoni tindika, fid-deċiżjoni tagħha, l-elementi ta' evalwazzjoni li ppermettewlha tiddetermina l-gravità u t-tul tal-ksur (sentenza Limburgse Vinyl Maatschappij *et* vs Il-Kummissjoni, punt 59 iktar 'il fuq, punt 463). Minn naħa l-oħra, il-Kummissjoni mhijiex obbligata li fid-deċiżjoni tagħti ċifri jew sunt iktar dettaljat dwar il-metodu ta' kalkolu tal-multa (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tas-16 ta' Novembru 2000, Cascades vs Il-Kummissjoni, C-279/98 P, Ġabra p. I-9693, punt 50).

79 Għandu ukoll jiġi rrilevat li deċiżjoni bħad-Deċiżjoni kkontestata, minkejja li redatta u ppubblikata fil-forma ta' deċiżjoni waħda biss, għandha tiġi analizzata bħala faxxikolu ta' deċiżjonijiet individwali li jikkonstataw, fir-rigward ta' kull waħda mill-impriżi destinatarji, il-ksur meqjus kontriha u li jimponulha, jekk ikun il-każ, multa (sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza, tal-4 ta' Lulju 2006, Hoek vs Il-Kummissjoni, T-304/02, Ġabra p. II-1887, punti 59 u 60).

80 Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma tistax tikkritika l-motivazzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata fir-rigward tar-rata ta' żieda applikata fir-rigward ta' Outokumpu għal finijiet ta' dissważjoni.

81 F'kull każ, il-Kummissjoni indikat, fil-premessi 332 sa 334 tad-Deċiżjoni kkontestata, l-elementi li hija kienet ħadet inkunsiderazzjoni sabiex iżżid għal finijiet ta' dissważjoni l-ammont tal-multa imposta fuq Outokumpu. Kif jirriżulta mill-ġurisprudenza imsemmija iktar 'il fuq (ara l-punt 78 iktar 'il fuq), il-Kummissjoni ma tistax tiġi kkritikata talli ma mmotivatx iktar id-deċiżjoni tagħha f'dan ir-rigward.

82 Sa fejn l-argument tar-rikorrenti jista' jinftiehem bħala li l-Kummissjoni qed tiġi kkritikata talli ma mmotivatx ir-raġunijiet li għalihom l-ammont inizjali tal-multa imposta fuqha ma ġiex imnaqqas għal finijiet ta' dissważjoni, għandu jiġi kkonstatat li l-Artikolu 253 KE, fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 78 iktar 'il fuq, ma jistax jiġi interpretat fis-sens li dan jobbliga lill-Kummissjoni tispjega fid-deċiżjonijiet tagħha r-raġunijiet li għalihom hija ma qisitx, fir-rigward tal-kalkolu tal-ammont tal-multa, approċċi, ipotetiċi meta mqabbla ma' dak effettivament magħżul fid-Deċiżjoni

kkontestata (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza, tal-14 ta' Mejju 1998, Fiskeby Board vs Il-Kummissjoni, T-319/94, Ġabra p. II-1331, punt 127).

83 Minn dan isegwi li l-ilment ibbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni għandu jiġi miċħud.

84 It-tieni nett, rigward il-mertu, hemm lok li jiġi kkonstatat li r-rikorrenti tikkritika d-divrenzjar magħmul mill-Kummissjoni bejn l-ammonti inizjali tal-multi imposti fuq l-impriżi kkonċernati skont il-metodu spjegat fil-linji gwida. Ir-rikorrenti ssostni li, fil-kuntest tal-iffissar tal-ammont tal-multa, id-daqs tal-impriża għandu importanza partikolari u li, f'dan il-każ, l-ammont inizjali tal-multa imposta fuq kull waħda mit-tlieti mpriżi kkonċernati kellu jiġi individwalizzat sabiex ikun proporzjonali għad-diskrepanza eżistenti bejn id-daqsijiet tal-impriżi.

85 F'dan ir-rigward, qabel kollox hemm lok li jiġi rrilevat li d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni invokati mir-rikorrenti huma irrilevanti, peress li l-prassi deċiżjonali preċedenti tal-Kummissjoni ma sservix ta' kuntest ġuridiku għall-multi fil-qasam tal-kompetizzjoni (ara s-sentenza Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni, punt 30 iktar 'il fuq, punti 169 sa 171, u s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza, tat-30 ta' Settembru 2003, Michelin vs Il-Kummissjoni, T-203/01, Ġabra p. II-4071, punt 292, u l-ġurisprudenza ċċitata).

86 Il-fatt li l-metodu ta' kalkolu spjegat fil-linji gwida mhuwiex ibbażat fuq id-dħul mill-bejgħ ġlobali tal-impriżi kkonċernati u jippermetti, għalhekk, li jkun hemm differenzi bejn l-impriżi fir-rigward tar-relazzjoni bejn id-dħul mill-bejgħ tagħhom u l-ammont tal-multi imposti fuqhom huwa irrilevanti sabiex jiġi evalwat jekk il-Kummissjoni kisritx il-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' trattament ugwali kif ukoll ta' individwalità tal-pieni. Fil-fatt, il-Kummissjoni mhijiex obbligata, fid-determinazzjoni tal-ammont tal-multi skont il-gravità u t-tul tal-ksur inkwistjoni, tiżgura, fil-każ fejn ikunu imposti multi fuq diversi impriżi implikati fl-istess ksur, li l-ammonti finali tal-multi li jirriżultaw mill-kalkolu tagħha fir-rigward tal-impriżi kkonċernati jirriflettu kull divrenzjar bejniethom fir-rigward tad-dħul mill-bejgħ globali tagħhom jew tad-dħul

mill-bejgħ rilevanti tagħhom (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-25 ta' Jannar 2007, Dalmine vs Il-Kummissjoni, C-407/04 P, Ġabra p. I-829, punti 141 sa 147; is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza, tad-29 ta' Novembru 2005, Union Pigments vs Il-Kummissjoni, T-62/02, Ġabra p. II-5057, punt 159).

87 Minn dan isegwi li l-Kummissjoni ma tistax tkun obbligata, f'ebda stadju tal-applikazzjoni tal-linji gwida, li tiżgura li l-ammonti intermedjarji tal-multi imposti jirriflettu kull differenza eżistenti bejn id-dħul mill-bejgħ globali tal-impriżi kkonċernati.

88 F'dan il-każ, mill-premessi 321 sa 323, 326 sa 328 u 332 sa 334 tad-Deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-Kummissjoni wettqet divrenzjar f'żewġ stadji bejn l-impriżi kkonċernati. L-ewwel nett, b'mod konformi mas-sitt paragrafu tal-Punt 1 A tal-linji gwida, hija ddiferenzjat skont is-sehem mir-responsabbiltà li kull waħda mill-parteċipanti kellha fil-ksur inkwistjoni. Sussegwentement, skont ir-raba' paragrafu tal-Punt 1 A tal-linji gwida, hija għamlet bilanċ sabiex tiggarantixxi effett suffiċjentement disswaživ fir-rigward tal-multi imposti.

89 Rigward is-sehem mir-responsabbiltà li kull waħda mill-parteċipanti għandha fil-ksur inkwistjoni, il-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni s-sehem tas-suq fiż-ŻEE ta' kull waħda mill-impriżi preżenti fuq is-suq tat-tubi industrijali fl-2000, l-aħħar sena sħiħa tal-ksur. Hija ddeduċiet minn dan li l-grupp KME, b'sehem tas-suq ta' [*kunfidenzjali*] %, kien tabilħaqq l-attur l-iktar importanti fis-suq u, għaldaqstant, kien jaqa' taħt l-ewwel kategorija ta' impriżi, filwaqt li Outokumpu (b'ishma tas-suq ta' [*kunfidenzjali*] %) u r-rikorrenti (b'ishma tas-suq ta' 13.4 %) kienu jaqgħu taħt it-tieni kategorija li tinkludi impriżi li jistgħu jitqiesu ta' daqs medju fis-suq inkwistjoni, b'mod li trattament differenzjat kellu jiġi applikat. Għaldaqstant, l-ammont inizjali tal-multi imposti fuq Outokumpu u r-rikorrenti kien ġie ffissat għal 33 % tal-ammont inizjali tal-multa imposta fuq KME, jiġifieri EUR 11.55 miljun għal Outokumpu u r-rikorrenti u EUR 35 miljun għal KME.

90 Mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-Kummissjoni ma tistax tiġi kkritikata talli adottat dan l-approċċ fir-rigward tal-ewwel stadju ta' bbilanċjar. Fil-fatt, fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-ammont tal-multa abbażi tal-gravità, anki jekk, minħabba t-tqassim fi gruppi, fir-rigward ta' ċerti impriżi jiġi applikat ammont inizjali identiku minkejja li dawn huma ta' daqs differenti, din id-differenza fit-trattament hija oġġettivament iġġustifikata mill-preminenza mogħtija lin-natura tal-ksur meta mqabbla mad-daqs tal-impriżi fid-determinazzjoni tal-gravità tal-ksur (ara s-sentenza Degussa vs Il-Kummissjoni, punt 49 iktar 'il fuq, punt 330, u l-ġurisprudenza ċċitata).

91 Fil-kuntest tat-tieni stadju ta' bbilanċjar, il-Kummissjoni, fid-dawl tad-dħul mill-bejgħ globali ta' Outokumpu, ikkunsidrat li l-ammont inizjali tal-multa imposta fuq Outokumpu kellu jiżdied b'50 % sabiex jiġi żgurat fir-rigward tagħha effett suffiċjentement dissważiv u sabiex jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li l-impriżi l-kbar għandhom għarfien u infrastrutturi ġuridiċi-ekonomiċi li jippermettulhom jevalwaw aħjar in-natura illegali tal-komportament tagħhom.

92 Ir-rikorrenti ma tistax tikkritika lill-Kummissjoni talli wettqet tali bbilanċjar. Fil-fatt, iżżieda tal-ammont inizjali tal-multa imposta fuq Outokumpu "sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni d-daqs tagħha u r-riżorsi kollha tagħha" (premessa 334 tad-Deċiżjoni kkontestata) ma timplikax li l-Kummissjoni kien messha naqset l-ammont inizjali tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti fid-dawl tad-dħul mill-bejgħ globali ta' din tal-aħħar. Għandu jitfakkar f'dan ir-rigward (ara l-punti 86 u 87 iktar 'il fuq) li l-Kummissjoni mhijiex obbligata, fil-kuntest ta' bdil tal-ammont inizjali ta' multi għal finijiet ta' dissważjoni, li tiżgura li l-ammonti kkunsidrati għad-diversi impriżi jirriflettu kull divrenzjar bejnithom fir-rigward tad-dħul mill-bejgħ globali tagħhom.

93 Għall-kuntrarju, skont ir-raġunament espost fil-punti 31 u 30 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni tista', fil-kuntest tal-marġni ta' diskrezzjoni tagħha, taġġusta l-ammont tal-munti skont metodu fiss sa fejn dawn tal-aħħar ma jidhrux irraġonevoli fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ.

94 F'dan il-kuntest, għandu jiġi enfasizzat li, fil-kuntest tat-teħid inkunsiderazzjoni tad-dissważjoni, l-ammont inizjali tal-multa huwa aġġustat sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-impatt imfittex fuq l-impriża li fuqha hija imposta l-multa, u dan sabiex il-multa ma ssirx insinjifikattiva jew għall-kuntrarju eċċessiva, fid-dawl tal-kapaċità finanzjarja tal-impriża inkwistjoni, skont ir-rekwiżiti bbażati, minn naħa, fuq in-neċessità li tiġi żgurata l-effettività tal-multa u, minn naħa l-oħra, fuq l-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità (sentenza Degussa vs Il-Kummissjoni, punt 49 iktar 'il fuq, punt 283).

95 Barra minn hekk, meta tagħżel ir-rata ta' żieda għal impriżi ta' daqs ikbar, il-Kummissjoni hija limitata mill-fatt li l-ammont inizjali ma jistaʼ, f'ebda każ, jaqbeż ammont proporzjonali għall-gravità tal-ksur. Għaldaqstant, anki fis-sitwazzjonijiet fejn id-dħul mill-bejgħ tal-impriża l-iktar importanti huwa nettament ogħla minn dak tal-impriżi kkonċernati l-oħra, jista' jkun, abbażi tal-gravità tal-ksur inkwistjoni, li l-Kummissjoni tkun tista' iżżid biss b'mod marġinali l-ammont inizjali tal-multa imposta fuq l-impriża l-iktar importanti.

96 Fid-dawl ta' dak kollu li jippreċedi, u fid-dawl tal-gravità tal-ksur inkwistjoni, tas-sehem tas-suq li għandha r-rikorrenti fiż-ŻEE kif ukoll tad-dħul mill-bejgħ globali tagħha fl-2002, jiġifieri EUR 1.2 biljun, il-Qorti tal-Prim'Istanza tikkunsidra li l-ammont inizjali tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti huwa ġġustifikat.

97 Minn dak li jippreċedi jirriżulta li t-tieni motiv għandu jiġi miċħud.

*Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq żieda żbaljata tal-ammont inizjali tal-multa minħabba t-tul tal-ksur*

L-argumenti tal-partijiet

98 L-ewwel nett, ir-rikorrenti tiddikjara li l-marġni ta' diskrezzjoni li għandha l-Kummissjoni bis-saħħa tal-Punt 1 B tal-linji gwida jippermettilha tiddeċiedi kemm fuq l-opportunità ta' żieda minħabba t-tul tal-ksur kif ukoll fuq ir-rata tagħha, fil-limitu massimu ta' 10 %. Ir-rikorrenti tosserva li l-Kummissjoni, billi adottat il-formulazzjoni tal-premessa 338 tad-Deċiżjoni kkontestata, irrinunċjat milli tuża l-prerogattiva mogħtija lilha mill-ewwel paragrafu tal-Punt 1 B tal-linji gwida għall-ewwel ħames snin tal-akkordju. Għaldaqstant, il-Kummissjoni setgħet iżżid l-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti biss għall-aħħar seba' snin tal-ksur.

99 Skont ir-rikorrenti, il-Kummissjoni ma tistax tibbaża ruħha fuq il-fatt li l-premessa 338 tad-Deċiżjoni kkontestata hija fformulata ħażin. Ir-rikorrenti tikkunsidra li huwa l-awtur ta' deċiżjoni li għandu jbati l-konsegwenzi ta' redazzjoni żbaljata u li, fis-sitwazzjoni fejn deċiżjoni tinkludi dikjarazzjonijiet kuntradittorji, għandha tiġi applikata s-sanzjoni l-iktar favorevoli fir-rigward tal-persuna kkonċernata.

100 Barra minn hekk, motivazzjoni ambigwa tikkostitwixxi, skont ir-rikorrenti, motivazzjoni vvizzjata u, għaldaqstant, ksur tal-Artikolu 253 KE.

101 It-tieni nett, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni kisret il-prinċipju li jgħid li kull multa għandha tkun ir-riżultat ta' kalkolu individwalizzat. Hija naqset ukoll milli tosserva l-obbligu tagħha ta' motivazzjoni billi ma spjegatx għalfejn hija ma kinitx użat il-marġni ta' diskrezzjoni tagħha. Skont ir-rikorrenti, il-Kummissjoni effettivament għażlet l-istess ċirkustanza aggravanti, jiġifieri li l-ksur inkwistjoni kien dam iktar minn ħames snin, kemm sabiex timmotiva l-applikazzjoni ta' żieda kif ukoll biex tiffissa r-rata massima ta' żieda ta' 10 %.

102 Ir-rikorrenti tallega li l-Kummissjoni, li għażlet li tapplika r-rata massima ta' 10 % għal kull sena ta' ksur, ma tagħtix ir-raġunijiet għalfejn tali żieda kienet xierqa. Ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni kien messha semmiet iċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-kartell ikkonċernat f'dan il-każ sabiex tapplika r-rata inkwistjoni. Hija tikkritika wkoll lill-Kummissjoni talli ma mmotivatx biżżejjed iż-żieda tal-ammont tal-multa mill-perspettiva tal-intensità u tal-kontinwità tal-kartell inkwistjoni.

103 Il-Kummissjoni titlob iċ-ċaħda ta' dan il-motiv.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza

104 L-ewwel nett, fir-rigward tal-ilment ibbażat fuq in-natura allegatament ambigwa tal-motivazzjoni kif ukoll fuq il-fatt li l-Kummissjoni kienet irrinunċjat, fid-Deċiżjoni kkontestata, milli żżid l-ammont inizjali tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti għall-ewwel ħames snin tal-akkordju, hemm lok li jiġu eżaminati l-premessi 338, 340 u 342 tad-Deċiżjoni kkontestata, li jipprovdu kif ġej:

"(338) Mill-bidu nett jeħtieġ jiġi nnotat li l-prassi deċiżjonali preċedenti tal-Kummissjoni ma sservix fiha nnfisha bħala kuntest ġuridiku għall-multi fil-qasam tal-kompetizzjoni, peress li dan huwa ddefinit biss fir-Regolament Nru 17 […] Jeħtieġ għalhekk li jiġi miċħud l-argument invokat minn KME fil-premessa 337 u li huwa bbażat fuq deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni. Il-politika attwalment imħaddna mill-Kummissjoni fil-każijiet ta'akkordji tikkonsisti fiż-żieda tal-multi b'10 % għal kull sena ta' ksur lil hinn minn ħames snin ta' ksur. Dan wassal għal żidiet, relatati mat-tul, ta' iktar minn 100 % f'diversi każijiet reċenti […] F'dan il-każ fejn it-tul tal-kartell kien ta' tnax-il sena u għaxar xhur, il-Kummissjoni tikkunsidra li huwa xieraq li l-multi jiġu miżjuda b'10 % għal kull sena.

[…]

(340) Abbażi ta' dak li jippreċedi, il-Kummissjoni tikkunsidra li [Wieland], Outokumpu [u l-grupp KME] kisru l-Artikolu 81(1) [KE] u l-Artikolu 53(1) tal-Ftehim ŻEE, tal-inqas mit-3 ta' Mejju 1988 u sat-22 ta' Marzu 2001. Huma wettqu ksur kontinwu ta' tul twil ta' iktar minn tnax-il sena u għaxar xhur.

[…]

(342) L-ammont inizjali tal-multi ddeteriminati skont il-gravità ser jiġi għaldaqstant miżjud b'125 % għal Outokumpu u [Wieland] […]"

105 Għandu jiġi kkonstatat li qari kkumbinat ta' dawn il-premessi u tal-punt 1 B tal-linji gwida ma jħalli ebda dubju fuq l-intenzjoni tal-Kummissjoni li żżid l-ammont inizjali tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti b'10 % għal kull sena ta' ksur. Għaldaqstant, hemm lok li l-ilmenti mqajma mir-rikorrenti f'dan ir-rigward jiġu miċħuda.

106 It-tieni nett, fir-rigward tal-mertu, għandu jitfakkar li żieda fil-multa abbażi tat-tul mhijiex limitata għall-każ fejn hemm relazzjoni diretta bejn it-tul u dannu ikbar ikkawżat lill-għanijiet Komunitarji previsti fir-regoli tal-kompetizzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Michelin vs Il-Kummissjoni, pount 85 iktar 'il fuq, punt 278, u l-ġurisprudenza ċċitata).

107 Barra minn hekk, mil-linji gwida jirriżulta li l-Kummissjoni ma stabbiliet l-ebda sovrapożizzjoni u lanqas interindipendenza bejn l-evalwazzjoni tal-gravità u dik tat-tul tal-ksur.

108 Għall-kuntrarju, fl-ewwel lok, mill-istruttura tal-linji gwida jirriżulta li dawn jipprevedu l-evalwazzjoni tal-gravità tal-ksur bħala tali sabiex jiġi stabbilit ammont inizjali ġenerali tal-multa. Fit-tieni lok, il-gravità tal-ksur hija analizzata fid-dawl tal-karatteristiċi tal-impriża kkonċernata, b'mod partikolari, id-daqs tagħha u l-pożizzjoni tagħha fis-suq rilevanti, fatt li jista' jagħti lok għal bilanċ tal-ammont inizjali, għat-tqassim tal-impriżi f'kategoriji u għall-iffissar ta' ammont inizjali speċifiku. Fit-tielet lok, it-tul tal-ksur huwa meħud inkunsiderazzjoni għall-iffissar tal-ammont bażiku u, fir-raba' lok, il-linji gwida jipprevedu t-teħid inkunsiderazzjoni ta' ċirkustanzi aggravanti u attenwanti li jippermettu li jiġi aġġustat l-ammont inizjali, b'mod partikolari abbażi tar-rwol attiv jew passiv tal-impriżi kkonċeranti fit-twettiq tal-ksur.

109 Minn dan isegwi li s-sempliċi fatt li l-Kummissjoni rriżervat, fir-rigward ta' ksur ta' tul twil, possibbiltà ta' żieda għal kull sena ta' ksur sa 10 % tal-ammont stabbilit għall-gravità tal-ksur bl-ebda mod ma jobbligaha tiffissa din ir-rata abbażi tal-intensità tal-attivitajiet tal-akkordju jew tal-effetti tiegħu, jew tal-gravità tal-ksur. Fil-fatt, hija l-Kummissjoni li għandha tagħżel, fil-kuntest tal-marġni ta' diskrezzjoni tagħha (ara l-punt 31 iktar 'il fuq), ir-rata ta' żieda li hija għandha l-intenzjoni tapplika għat-tul tal-ksur.

110 Fir-rigward tal-ilment li l-Kummissjoni kkunsidrat l-istess ċirkustanza, jiġifieri li l-ksur inkwistjoni dam iktar minn ħames snin, kemm biex timmotiva l-applikazzjoni ta' żieda kif ukoll biex tiffissa r-rata massima tal-imsemmija żieda għal 10 %, il-Qorti tal-Prim'Istanza ma tara ebda illegalità fil-fatt li t-tul ta' ksur iwassal mhux biss għal żieda tal-ammont bażiku fih innifsu, iżda wkoll, jekk ikun il-każ, għar-rata definittiva ta' żieda. Kif ġie espost fil-punt preċedenti, il-Kummissjoni mhijiex obbligata tieħu inkunsiderazzjoni l-gravità tal-ksur meta tagħżel ir-rata ta' żieda applikata għat-tul tal-ksur.

111 F'dan il-każ, il-Kummissjoni kkonstatat, b'mod partikolari fil-premessi 335 u 340 tad-Deċiżjoni kkontestata, li r-rikorrenti kienet ipparteċipat fil-ksur għal perijodu ta' tnax il-sena u għaxar xhur, jiġifieri tul twil fis-sens tal-linji gwida, u konsegwentement żiedet il-multa b'125 %. Billi għamlet hekk, il-Kummissjoni ma tbegħditx mir-regoli li hija imponiet fuqha nnifisha fil-linji gwida. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza tqis li din iż-żieda ta' 125 % mhijiex, f'dan il-każ, manifestament sproporzjonata.

112 Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha jirriżulta li l-motiv dwar iż-żieda tal-ammont tal-multa abbażi tat-tul għandu jiġi miċħud bħala infondat.

*Fuq ir-raba' motiv, ibbażat fuq l-applikazzjoni diskriminatorja tal-Avviż tal-1996 dwar il-kooperazzjoni*

L-argumenti tal-partijiet

113 Essenzjalment, ir-rikorrenti tikkunsidra li hija ġiet iddiskriminata fir-rigward ta' KME, li kisbu tnaqqis ta' 30 % tal-ammont tal-multa imposta, filwaqt li hija kisbet biss tnaqqis ta' 20 %, minkejja li l-kooperazzjoni tagħha kienet tal-inqas daqstant sinjifikattiva daqs dik ta' KME.

114 L-ewwel nett, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni żbaljat meta tagħat lil KME tnaqqis tal-ammont tal-multa ogħla minn dak li ngħata lilha minħabba li "KME ddenunċjaw l-eżistenza tad-dispożittivi antikompetittivi mis-snin 80 […] minflok mis-sena 1993, data suġġerita minn Wieland" (premessa 423 tad-Deċiżjoni kkontestata).

115 Filwaqt li rrikonoxxiet il-valur limitat tal-kontribuzzjoni tagħha għall-investigazzjoni li kienet tikkonċerna l-perijodu preċedenti għall-1993, ir-rikorrenti tfakkar li hija ma ċaħditx l-eżistenza tal-kartell matul dan il-perijodu, iżda li, minħabba r-riżenja ta' numru mill-kollaboraturi tagħha, hija ma kinitx f'pożizzjoni li tikkonfermah. Skont ir-rikorrenti, il-Kummissjoni tat importanza sproporzjonata lill-kontribuzzjoni ta' KME meta mqabbel ma' tagħha. Fil-fatt, dikjarazzjoni waħda biss ta' KME tistabbilixxi tassew l-eżistenza tal-kartell qabel l-1993. Barra minn hekk, l-imsemmija dikjarazzjoni kienet saret wara talba espliċita mill-Kummissjoni. Id-dikjarazzjonijiet l-oħra ta' KME għandhom l-istess natura bħal dawk tar-rikorrenti, billi huma jippruvaw l-eżistenza ta' laqgħat mingħajr ma jikkwalifikawhom bħala antikompetittivi.

116 Billi tagħmel riferiment għall-premessi 397, 417 u 418 tad-Deċiżjoni kkontestata, ir-rikorrenti tiddikjara li l-Kummissjoni kkonstatat li KME kienu biss kemmkemm iċċaraw il-fatti għall-perijodu preċedenti għall-1993. Ir-rikorrenti tikkonkludi minn dan li l-għoti ta' tnaqqis tal-ammont tal-multa iktar sinjifikattiv lil KME milli lilha huwa manifestament żbaljat u vvizzjat b'nuqqas ta' motivazzjoni, billi l-kooperazzjoni tagħha kellha valur komparabbli għal dak ta' KME.

117 Wara kollox, ir-rikorrenti tikkunsidra li f'dan ir-rigward hija kienet ġiet issanzjonata mill-Kummissjoni minħabba r-rifjut tagħha, kuntrarjament għal KME, li tagħmel stqarrija ġenerali. Minkejja li r-rikorrenti pprovdiet, wara investigazzjoni interna fid-dettall, sunt tal-fatti ddivrenzjati u dettaljati, l-imsemmija investigazzjoni ma ppermettitilhiex tivverifika u tirrikonoxxi l-eżistenza ta' prattika antikompetittiva matul il-perijodu ta' bejn l-1998 u l-1993. It-trattament sostnut mir-rikorrenti jwassal, f'miżura wiesa', sabiex jisforza impriża takkuża lilha nfisha, fatt li huwa kuntrarju għad-dritt Komunitarju peress li dan jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tad-difiża.

118 It-tieni nett, ir-rikorrenti tallega li l-Kummissjoni żbaljat, meta filwaqt li ħadet inkunsiderazzjoni l-fatt li KME kienet semmiet tmien laqgħat tal-"grupp ta' ħidma" li ma kinux ġew imsemmija mill-parteċipanti l-oħra, tagħat lil KME tnaqqis ikbar minn dak li ġie mogħti lilha. Fil-fatt, ir-rikorrenti, fl-ittra tagħha tat-30 ta' Settembru 2002 mibgħuta lill-Kummissjoni, għamlet riferiment għal sensiela ta' laqgħat li nżammu bejn l-1999 u l-2000 u tat deskrizzjoni iktar kompluta tagħhom minn dik ipprovduta minn KME.

119 It-tielet nett, ir-rikorrenti ssostni li hija volontarjament ipprovdiet lill-Kummissjoni, fl-ittra tagħha tat-30 ta' Settembru 2002, informazzjoni nettament iktar preċiża u iktar dettaljata, minn dik ipprovduta minn KME fuq il-perijodu ta' bejn l-1997 u l-1999 (iktar 'il quddiem il-"perijodu kalm"). Skont ir-rikorrenti, il-Kummissjoni tibbaża ruħha, kif jissemma f'silta waħda biss fil-premessa 202 tad-Deċiżjoni kkontestata, fuq informazzjoni sommarja li toriġina minn KME sabiex turi l-eżistenza ta' komportamenti antikompetittivi matul il-perijodu kalm, anki jekk ir-rikorrenti ddeskriviet, b'mod iktar dettaljat minn KME, il-kontenut ta' tnax-il laqgħa matul is-snin 1997 u 1998. Barra minn dan, is-sunt tal-fatti pprovdut mir-rikorrenti huwa msemmi mill-Kummissjoni fi ħdax-il nota ta' qiegħ il-paġna imdaħħla fil-premessi 157 sa 167 u 202 sa 212 tad-Deċiżjoni kkontestata.

120 Ir-raba' nett, ir-rikorrenti tallega li l-kooperazzjoni tagħha mal-Kummissjoni ġimgħatejn qabel KME kellha tintitolaha għal rata ta' tnaqqis tal-ammont tal-multa ogħla jew, għallinqas, identika għal dik ta' KME. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti tagħmel riferiment għall-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-immunità minn multi u tnaqqis f'multi f'każijiet ta' kartell (ĠU 2002, C 45, p. 3, iktar 'il quddiem l-"Avviż tal-2002 dwar il-kooperazzjoni"), li jipprevedi l-għoti ta' tnaqqis iktar sinjifikattiv lill-impriża li tikkopera l-iktar malajr. Ir-rikorrenti tirrikonoxxi li l-imsemmi avviż huwa inapplikabbli f'dan il-każ, iżda li l-Qorti tal-Prim'Istanza tista' tieħdu inkunsiderazzjoni bħala espressjoni ta' prinċipju ġenerali tad-dritt.

121 Il-Kummissjoni tikkontesta l-ilmenti kollha mqajma mir-rikorrenti.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza

122 L-ewwel nett, fir-rigward tal-ilment ibbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni, għandu jiġi kkonstatat li dan huwa manifestament infondat. L-elementi ta' evalwazzjoni li l-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni sabiex tagħti tnaqqis tal-multi lil KME u lir-rikorrenti bis-saħħa tal-Avviż tal-1996 dwar il-kooperazzjoni huma ċarament indikati

fil-premessi 404 sa 423 tad-Deċiżjoni kkontestata, li huwa biżżejjed sabiex ikunu sodisfatti r-rekwiżiti tal-Artikolu 253 KE (ara l-punti 58 sa 59 iktar 'il fuq).

123 It-tieni nett, fir-rigward tal-mertu, għandu jiġi kkonstatat, preliminarjament, li, meta impriża wettqet ksur tar-regoli Komunitarji dwar il-kompetizzjoni, hija tista' tipprova tikseb tnaqqis sostanzjali tal-ammont tal-multa li hemm riskju li tiġi imposta fuqha, jew tevita kull multa, billi tikkoopera mal-Kummissjoni. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, tnaqqis tal-multa minħabba l-kooperazzjoni matul il-proċedura amministrattiva huwa ġġustifikat mill-kunsiderazzjoni li tgħid li tali kooperazzjoni tiffaċilita l-konstatazzjoni tal-ksur mill-Kummissjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza, tal-14 ta' Mejju 1998, BPB de Eendracht vs Il-Kummissjoni, T-311/94, Ġabra p. II-1129, punt 325, u Finnboard vs Il-Kummissjoni, T-338/94, Ġabra p. II-1617, punt 363).

124 Rigward l-ilmenti l-oħra, għandu jitfakkar ukoll li, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-kooperazzjoni pprovduta mill-membri ta' akkordju, żball manifest ta' evalwazzjoni minn naħa tal-Kummissjoni biss jista' jkun iċċensurat peress li hija tibbenefika minn marġni ta' diskrezzjoni wiesa' sabiex tevalwa l-kwalità u l-utilità tal-kooperazzjoni pprovduta minn impriża, b'mod partikolari fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet ta' impriżi oħrajn (sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza, tal-10 ta' Mejju 2007, SGL Carbon vs Il-Kummissjoni, C-328/05 P, Ġabra p. I-3921, point 88). Għaldaqstant, fil-kuntest ta' din l-evalwazzjoni, hija ma tistax tikser il-prinċipju ta' trattament ugwali.

125 Peress li l-ilmenti kollha tar-rikorrenti jikkonċernaw l-allegata diskriminazzjoni li hija sostniet meta mqabbla ma' KME, għandu konsegwentement jiġi vverifikat jekk il-Kummissjoni setgħetx, mingħajr ma tikser il-prinċipju ta' trattament ugwali u mingħajr ma taqbeż il-marġni diskrezzjonali tagħha, tagħti tnaqqis tal-ammont tal-multi tagħhom ta' 20 % lir-rikorrenti u ta' 30 % lil KME abbażi tal-kooperazzjoni rispettiva tagħhom.

126 Rigward il-kronoloġija tal-komunikazzjoni tal-informazzjoni lill-Kummissjoni, għandu jiġi kkonstatat li kemm ir-rikorrenti kif ukoll KME bdew jikkoperaw mal-Kummissjoni wara li kienu rċevew talba għal informazzjoni minn naħa ta' din tal-aħħar, iżda qabel ma ntbagħtet id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet. Barra minn hekk, KME u r-rikorrenti

waqgħu t-tnejn li huma taħt il-punt D tal-Avviż tal-1996 dwar il-kooperazzjoni tal-1996, li ma jagħmel ebda riferiment għall-kriterju tal-preċedenza tal-kooperazzjoni ta' impriża fil-konfront ta' oħra.

127 Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza jirriżulta li, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-livelli ta' kooperazzjoni pprovduta rispettivament miż-żewġ impriżi, l-element kronoloġiku ma jistax jittieħed inkunsiderazzjoni fis-sitwazzjonijiet fejn l-informazzjoni trażmessa mill-partijiet ikkonċernati kienet ġiet hekk trażmessa f'intervall pjuttost qasir u fi stadju essenzjalment identiku tal-proċedura amministrattiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza, tat-13 ta' Diċembru 2001, Acerinox vs Il-Kummissjoni, T-48/98, Ġabra p. II-3859, punt 139, u tal-25 ta' Ottubru 2005, Groupe Danone vs Il-Kummissjoni, T-38/02, Ġabra p. II-4407, punt 467).

128 Għaldaqstant, minkejja li r-rikorrenti ippreċediet lil KME b'ġimgħatejn fil-kooperazzjoni tagħha mal-Kummissjoni, din id-differenza ma timplikax, fiha nfisha, li l-Kummissjoni kienet obbligata timponilha rata ta' tnaqqis tal-ammont tal-multa imposta ogħla jew, tal-inqas, identika għal dik mogħtija lil KME.

129 Sa fejn ir-rikorrenti tinvoka l-applikazzjoni, b'analoġija, tal-punt 23 tal-Avviż tal-2002 dwar il-kooperazzjoni, li jgħid li l-Kummissjoni tista' tagħti tnaqqis tal-ammont tal-multa ogħla lill-impriża li hija l-ewwel waħda li tressaq provi tal-ksur preżunt li jagħtu valur miżjud sinjifikattiv, hemm lok li jiġi rrilevat li applikazzjoni b'analoġija hija possibbli biss għall-finijiet li timtela lakuna normattiva. Għandu jiġi kkonstatat li l-kooperazzjoni tar-rikorrenti kif ukoll ta' KME u ta' Outokumpu kienu ġew irregolati mill-Avviż tal-1996 dwar il-kooperazzjoni.

130 Inkwantu l-argument tar-rikorrenti jista' jinftiehem bħala li effettivament iqajjem kunflitt ta' liġijiet ratione temporis, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li tali kunflitt ma jistax jeżisti. Fil-fatt, huwa biss fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet tranżitorji li regola ġdida tapplika immedjatament għall-effetti futuri ta' sitwazzjoni li nibtet taħt ir-regola preċedenti (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-21 ta' Jannar 2003, Il-Ġermanja

vs Il-Kummissjoni, C-512/99, Ġabra p. I-845, punt 46, u l-ġurisprudenza ċċitata). F'dan il-każ, il-punt 28 tal-Avviż tal-2002 dwar il-kooperazzjoni jipprevedi ċarament li l-imsemmi avviż kien applikabbli mill-14 ta' Frar 2002 għall-każijiet kollha li fihom ebda impriża ma bbażat ruħha fuq l-Avviż tal-1996 dwar il-kooperazzjoni. Madankollu, f'dan il-każ, huwa paċifiku li l-impriżi kkonċernati, inkluża r-rikorrenti, ibbażaw ruħhom fuq l-Avviż tal-1996 dwar il-kooperazzjoni.

131 Ladarba l-argumenti tar-rikorrenti bbażati fuq il-kronoloġija tal-komunikazzjoni tal-informazzjoni lill-Kummissjoni ġew miċħuda, hemm lok li jiġi vverifikat jekk, fuq il-livell kwalitattiv, il-kontribuzzjoni ta' KME, imqabbla ma' dik tar-rikorrenti, kinitx ta' natura li tiġġustifika d-differenza ta' 10 % bejn ir-rati ta' tnaqqis applikati lill-ammonti tal-multi imposti fuq l-imsemmija impriżi.

132 L-ewwel nett, l-argument tar-rikorrenti li jgħid li l-għoti ta' tnaqqis tal-ammont tal-multa minħabba r-rikonoxximent, minn impriża, tal-parteċipazzjoni tagħha fi ksur jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tad-difiża tal-impriżi kkonċernati l-oħra ma jistax jiġi aċċettat.

133 Fil-fatt, mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-Kummissjoni hija intitolata tnaqqas l-ammont tal-multi li hija timponi fuq l-impriżi li ma jillimitawx ruħhom li jikkomunikawlha informazzjoni utli iżda saħansitra jirrikonoxxu espressament il-parteċipazzjoni tagħhom fi ksur. Tabilħaqq, il-Kummissjoni ma tistax tisforza impriża tammetti l-parteċipazzjoni tagħha fi ksur. Madankollu, hija mhijiex għaldaqstant prekluża milli tikkunsidra, fl-iffissar tal-ammont tal-multa, l-għajnuna li din l-impriża, fuq inizjattiva tagħha stess, tagħtha sabiex tistabbilixxi l-eżistenza tal-ksur (sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-14 ta' Lulju 2005, Acerinox vs Il-Kummissjoni, C-57/02 P, Ġabra p. I-6689, punt 87, u ThyssenKrupp vs Il-Kummissjoni, C-65/02 P u C-73/02 P, Ġabra p. I-6773, punt 50).

134 Ir-rikonoxximent tal-ksur ikkontestat huwa fil-fatt ta' natura purament volontarja minn naħa tal-impriża kkonċernata, billi din tal-aħħar mhija b'ebda mod obbligata

tirrikonoxxi l-akkordju (sentenza tal-14 ta' Lulju 2005, Acerinox vs Il-Kummissjoni, punt 133 iktar 'il fuq, punt 89, u sentenza ThyssenKrupp vs Il-Kummissjoni, punt 133 iktar 'il fuq, punt 52).

135 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li minn qari kkombinat tal-premessi 405 u 406 u mill-premessi 416 sa 422 tad-Deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-Kummissjoni tagħat tnaqqis tal-ammont tal-multi imposti fuq ir-rikorrenti u fuq KME fuq il-bażi ta' żewġ elementi kumulattivi, jiġifieri, minn naħa, il-fatt li huma ma kkontestawx il-materjalità tal-fatti kostituttivi tal-ksur ikkonstatat u, minn naħa l-oħra, il-fatt li l-kooperazzjoni tagħhom fl-istabbiliment tal-fatti eċċediet l-obbligi li jirriżultaw mill-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 17.

136 Dwar dan l-aħħar element, mill-premessi 168, 169, 171, 405, 417, 419 u 423 tad-Deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-Kummissjoni kkunsidrat li l-kontribuzzjonijiet ta' KME u tar-rikorrenti kienu ta' kwalità simili, bl-eċċezzjoni, minn naħa, tar-rikonoxximent tal-eżistenza ta' attivitajiet kollużivi qabel l-1993 u, minn naħa l-oħra, tal-iżvelar ta' laqgħat awżiljarji allegatament intiżi sabiex jintensifikaw il-funzjonament tal-ksur.

137 Fid-dawl tal-fatt li ġie stabbilit li l-akkordju kien beda fl-1998, huwa ċar li d-determinazzjoni mill-Kummissjoni tat-tul tal-ksur ma kinitx iffaċilitata bir-risposta tar-rikorrenti fl-ittra tagħha tat-30 ta' Settembru 2002. Fil-fatt, fl-imsemmija ittra, ir-rikorrenti pprovdiet lista ta' laqgħat uffiċjali ta' Cuproclima miżmuma mill-1985, mingħajr ma indikat s-suġġetti li kienu ġew diskussi matul dawn il-laqgħat. F'din l-istess ittra, hija kkunsidrat li l-kuntatti kollużivi kienu bdew madwar l-1993.

138 Minn naħa l-oħra, fl-ittra tagħha tal-15 ta' Ottubru 2002, KME rrikonoxxiet li l-parteċipanti kienu ftehmu fuq it-tqassim tal-klijenti fl-ewwel snin li segwew il-ħolqien ta' Cuproclima fl-1985 u tiddeskrivi l-mod li bih huma pproċedew.

139 Fir-rigward tal-perijodu kalm (mill-1997 sal-1999), għandu jiġi kkonstatat li, fl-ittra ta' KME tal-15 ta' Ottubru 2002, hija pprovduta informazzjoni dwar l-iżvilupp tal-funzjonament tal-akkordju fi ħdan Cuproclima, kif ukoll dwar il-fatt li KME, Wieland u, f'miżura iżgħar, Outokumpu kellhom kuntatti regolari barra mill-kuntest ta' Cuproclima sal-1999, l-iktar permezz tat-telefon, sabiex jiddiskutu dwar ċerti klijenti jew dwar il-prezzijiet.

140 Dwar il-perijodu ta bejn l-1999 u l-2001, mill-imsemmija ittra jirriżulta li l-membri ta' Cuproclima ltaqgħu f'madwar tmien laqgħat tal-"grupp ta' ħidma" li nżammu barra mil-laqgħat regolari ta' Cuproclima sabiex jiġu intensifikati l-attivitajiet tal-kartell.

141 Fir-rigward tal-kooperazzjoni tar-rikorrenti dwar l-imsemmija perijodi, għandu jiġi kkonstatat li, minkejja li l-lista tal-laqgħat li hija pprovdiet hija iktar kompluta minn dik ipprovduta minn KME, hija ma indikatx jekk, matul il-laqgħat imsemmija f'din il-lista, ġewx diskussi temi li jirrigwardaw l-akkordju. Minn dan jirriżulta li, permezz ta' din il-lista, ir-rikorrenti ma kkontribwietx sabiex il-Kummissjoni tkun f'pożizzjoni li tkun taf dwar il-kuntest tal-imsemmija laqgħat u li tevalwa l-iskop tagħhom. Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma tistax tibbaża ruħha fuq din il-lista sabiex issostni li l-kooperazzjoni tagħha kienet, għall-finijiet tal-investigazzjoni tal-Kummissjoni, ta' valur ogħla jew ekwivalenti għal dak tad-dikjarazzjonijiet magħmula minn KME (ara l-punti 139 u 170 iktar 'il fuq).

142 Fil-kuntest tal-kooperazzjoni tagħha, ir-rikorrenti madankollu pprovdiet lill-Kummissjoni b'xi elementi rilevanti fir-rigward tal-perijodu kalm u l-perijodu ta' bejn l-1999 u l-2000.

143 B'mod partikolari, bħal KME, hija pprovdiet provi dwar il-korrispondenza antikompetittiva li hija kienet skambjat ma' KME fl-1997 (premessa 163 tad-Deċiżjoni kkontestata).

144 Hija ddikjarat ukoll li l-membri ta' Cuproclima kienu ddeċidew lejn l-aħħar tas-snin 90 li jibdew mill-ġdid l-attività kollużiva tagħhom, li ġiet immaterjalizzata permezz tal-adozzjoni, fl-1999, ta' tabella li suppost kienet aċċessibbli b'mod elettroniku għall-membri tal-kartell u li tinkludi informazzjoni sensittiva. Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li din l-informazzjoni, minkejja li timplika ksur, ma tirrivelax l-organizzazzjoni ta' laqgħat awżiljarji li għandhom bħala skop li jaddattaw u li jirrinforzaw l-attività kollużiva żvolta matul il-laqgħat regolari ta' Cuproclima, li għall-kuntrarju KME kienet indikat lill-Kummissjoni billi ddenunċjat it-tmien laqgħat tal-"grupp ta' ħidma".

145 Fid-dawl ta' dak li jippreċedi, għandu jiġi kkonstatat li l-affermazzjonijiet tar-rikorrenti, li jgħidu li hija kienet ikkontribwiet, b'mod iktar komplut minn KME, sabiex jiġi ċċarat il-perijodu ta' ksur bejn l-1997 u l-2000, mhumiex sostnuti permezz tad-dokumenti li ddaħħlu fl-fajl.

146 Għaldaqstant, u fid-dawl tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 133 iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Prim'Istanza tikkunsidra li l-Kummissjoni ma wettqitx żball manifest ta' evalwazzjoni fid-determinazzjoni tal-livell ta' tnaqqis, abbażi tal-kooperazzjoni, tal-multi imposti fuq ir-rikorrenti.

147 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, hemm lok li jiġi konkluż li l-aħħar motiv huwa wkoll infondat.

148 Għaldaqstant, ir-rikors għandu jiġi miċħud.

**Fuq l-ispejjeż**

149 Skont l-Artikolu 87(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li r-rikorrenti tilfet, hemm lok li hija tiġi kkundannata għall-ispejjeż, kif mitlub mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI TAL-PRIM'ISTANZA (It-Tmien Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

**1) Ir-rikors huwa miċħud.**

**2) Wieland-Werke AG hija kkundannata għall-ispejjeż.**

Martins Ribeiro Papasavvas Wahl

Mogħtija f'Qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fis-6 ta' Mejju 2009.

Firem